**Salvinu Mercieca**

"Kull wieħed jagħti skond ma deherlu f'qalbu, mhux fuq qalbu jew imġiegħel; Alla jħobb 'il min jagħti bil-ferħa…"(2 ittra mill-Korintin)- kliem li jaqbel ferm ma' dak li jemmen fih Salvinu Mercieca, bniedem ferrieħi li kien u għadu dejjem lest li jagħti bil-ferħa għal Alla.

Twieled fit-13 t'Ottubru, 1913 iben Lonza u Ġużepp Mercieca  Salvinu jeħodna 40 sena ilu, pass 'il bogħod mid-dar tiegħu, meta beda jinbena ċ-Centru Parrokjali. Kien minn tal-ewwel biex għen fil-pedamenti ta' dan iċ-ċentru ġewwa l-Munxar.  Kien jordom mal-bennejja, jibni l-ħitan, jarma l-bjut u jagħmel xogħol ta' tikħil biex aħna adulti u uliedna illum nistgħu ngawdu dan iċ-ċentru.

Tajjeb li wieħed jgħid li Salvinu għandu familja numeruża ta' 10 ulied pero' għaraf jqassam ħinu tajjeb fost ix-xogħol mal-Gvern, xogħol fir-raba' u bhejjem u b'dedikazzjoni kbira u umilta' fix-xogħol voluntarju fiċ-Ċentru Parrokkjali.  Minn mindu n-neputi Mons. Salv Debrincat tah iċ-ċwievet ta' dan iċ-ċentru sa sena ilu, Salvinu ta' sehem kbir.  Kien jieħu ħsieb iż-żebgħa tal-bibien, ħġieġ li jinkiser, tiswija ta' bjut u tibdil ta' bozoz.  Mhux l-ewwel darba li daħħal idejh fil-but għall-manutenzzjoni taċ-Ċentru.  Raġel li bħala nisrani kienet l-għaxqa tiegħu jarma l-presepju, jipprepara għall-Quddies taż-żgħazagħ, jarma u jżarma l-armar tal-festa, jiftaħ lit-tfal għad-Duttrina u jara minn fejn ser iġib xi ftit fjuri għal-laqgħat tal-Leġjun ta' Marija.

Mhux dejjem kienet faċli, xi drabi t-tfal iqajmuh minn xi nagħsa ħelwa wara nofsinhar biex jieħdu ċ-ċwievet jew imur f'nofs ta' lejl jitfi d-dwal li jkunu għadhom mixgħulin.  Barra minn hekk Salvinu ta' sehem kbir fil-Knisja billi qata' l-ġebel mill-barriera tal-familja għas-sagristija kif ukoll fl-armar tal-Knisja għall-festa. Kien imur idur għall-Bajda mill-inħawi ta' Sannat, drawwa antika biex jiġbor xi ftit flus għall-Knisja.

Lista li ma tispiċċa qatt li żgur tirrikjedi bniedem bħal Salvinu li kien u għadu xempju ta' missjunarju fil-Munxar biex aħna gawdejna u għadna ngawdu mill-post li ninsabu fih ilejla.

*Ms Stephanie Mercieca* — *12 ta' Diċembru 2007.*
*Munxar*